**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 24 ta' Mejju, 2016

Rikors Guramentat numru : 133/2016 AL

AB
VS

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet:

1. Illi l-partijiet zzewgu fl-ewwel ta' Mejju tas-sena elf disa` mija tnejn u tmenin (01/05/1982) fir-Registru Pubbliku;
2. Illi mill-istess unjoni twielded tifla li llum il-gurnata hija maggorenni;
3. Illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment u fit-tnejn (2) ta' Novembru 2010 l-partijiet isseparaw *de facto* u ilhom ma jghixu flimkien sa minn dak iz-zmien;
4. Illi l-partijiet sussegwentement isseparaw permezz ta' kuntratt datat hmistax (15) ta' Awwissu elfejn u hmistax (2015),

ippublikat fl-atti tan-Nutar Dottor Clinton Bellizzi, kopja legali qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A.

5. Illi ai fini tal-Artikolu 66b tal-Kodici Civili jirrizulta :
    a. Illi l-partijiet ilhom isseparati *de facto* ghal aktar minn erba` snin; u
    b. Illi l-partijiet fil-kuntratt hawn fuq imsemmi kienu iddekadew ghad-dritt li jircievu manteniment; u
    c. Illi inoltre, skont il-kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet jirrinunzjaw ghad-drittijiet ta' successjoni reciproci fil-konfront ta' xulxin; u
    d. Illi ukoll skont il-kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet xoljew u llikwidaw l-komunjoni tal-akkwisti u ddikjaraw illi, salv ghal dak premess fl-istess kuntratt, kull dejn gravanti tal-komunjoni tal-akkwisti, ikun assum kollu kemm hu minn dik il-parti li tkun ghamlet tali dejn.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet, wara li tkun qieset li dak kollu mitlub huwa sodisfacenti ai finijiet u effetti tal-ligi.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' April 2016;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla jiddikjara li ma ghandux oggezzjoni ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta' Awissu 2015 u de facto separati sa mit-2 ta' Novembru 2010;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.